**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **21 TA' MEJJU 2017**

## Karus tal-Imħabba 2017

Għada / Illum il-Ħadd 21 ta' Mejju 2017 il-quddiesa tad-9:15am ser titmexxa minn Fr Martin Micallef id-Direttur tad-Dar tal-Providenza u fiha t-tfal li jattendu l-Katekiżmu fiċ-Ċentri tal-Parroċċa tagħna ser jagħtu d-donazzjonijiet tal-Karus tal-Imħabba 2017 b'risq id-Dar tal-Providenza. Grazzi lit-tfal tal-Parroċċa tagħna tal-offerti tagħhom.

## Żejt tax-xemgħa li tinxtgħel fil-Grotta ta' San Pawl ir-Rabat

Għada / Illum il-Ħadd 21 ta' Mejju 2017 ġejna mistiedna sabiex il-Parroċċa tagħna tħallas iż-żejt għal sena tax-xemgħa li tinxtgħel fil-Grotta ta' San Pawl ir-Rabat li kienet inxtegħlet fis-sena 1960. Fil-5:30pm mument ta' talb fil-Grotta ta' San Pawl u fis-6:00pm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl ir-Rabat. Kulħadd huwa mistieden.

## Bazaar

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

## Festa ta' Santa Rita ta' Cascia

It-Tnejn 22 ta' Mejju 2017 fil-quddiesa tas-6:30pm niċċelebraw il-festa ta' Santa Rita ta' Cascia.

## Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Preċett

It-Tlieta 23 ta' Mejju 2017 fis-7.15pm laqgħa fil-Knisja Parrokkjali għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li jattendu fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar.

## Kunsill Pastorali Parrokkjali

It-Tlieta 23 ta' Mejju 2017 fis-7:00pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

## Novena tal-Ispirtu s-Santu

Il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017 nagħtu bidu għan-novena tal-Ispirtu s-Santu li twassalna biex niċċelebraw Għid il-Ħamsin. Matul il-Ġimgħa n-novena tibda wara l-quddiesa tas-7:00am u l-Ħadd wara l-quddiesa tas-6:30am fejn ikollna mument ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Pellegrinaġġ Marjan lejn il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl il-Bidni**

Il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017 ser norganizzaw Pellegrinaġġ Marjan mill-Knisja Parrokkjali sal-Kappella tal-Madonna tad-Dawl, il-Bidni. Fis-7:30pm nibdew il-pellegrinaġġ bit-talba tar-Rużarju. Meta naslu fejn it-tabella tal-Bidni għal dawk li ma jixtiqux jitilgħu t-telgħa se jkun hemm trasport li jtellagħhom sal-kappella. Fit-8:00pm niċċelebraw il-quddiesa u wara biċċa timpana għal kulħadd. Inħeġġiġkom sabiex nattendu.

**Ħolqa Bejnietna – Ktieb tal-Festa 2017**

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.